II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Ġunju 2007

li taħtar membru tal-Bord ta' Ġestjoni ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel

(2007/420/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-lista ta' kandidati preżentata lill-Kunsill mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidra l-veduti espressi mill-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Huwa essenzjali li jiġu żgurati l-indipendenza, il-kwalità xjentifika għolja, it-trasparenza u l-effiċjenza ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel('l-Awtorità'). Il-kooperazzjoni ma' l-Istati Membri hija indispensabbli wkoll.

(2) Post ta' Membru tal-Bord ta' Ġestjoni ta' l-Awtorità, maħtur sat-30 ta' Ġunju 2008, sar vakanti wara riżenja.

(3) Il-kandidaturi ġew eżaminati bil-ħsieb li jinħatar membru ġdid tal-Bord ta' Ġestjoni abbażi tad-dokumentazzjoni provduta mill-Kummissjoni u fid-dawl tal-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew bil-għan li jiġu żgurati l-ogħla standard ta' kompetenza, firxa wiesgħa ta' kompetenza relevanti, per eżempju fit-tmexxija u fl-amministrazzjoni pubblika, u d-distribuzzjoni ġeografika l-aktar wiesgħa possibbli fi ħdan l-Unjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Milan POGAČNIK huwa b'dan maħtur membru tal-Bord ta' Ġestjoni ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2007 sat-30 ta' Ġunju 2008.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, 11 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

H. SEEHOFER

[1] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 575/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).